MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2004

Numru 910/2003

Il-Pulizija
(Sp Alexander Paul Miruzzi)
vs
Joseph Zahra, iben Joseph,
imwieled Pieta' fit-2 ta'
lulju, 1982

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-6 ta' novembru, 2003 fil-għodu fl-inħawi ta' Ħal-Far ostakola jew xort'oħra fixkel, jew ipprova jżomm, jostakola jew ifixkel lill-uffiċjali tal-MEPA u lill-uffiċjali tal-pulizija fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tagħhom taħt l-Att I ta' l-1992 u naqas milli jagħmel dak li raġonevolment ġie mitlub li jagħmel minn dawn l-istess uffiċlai tal-MEPA u tal-pulizija;

2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi bi vjolenza jew b'theddid ġiegħel uffiċjal pubbliku li jagħmel jew ma jagħmilx xi ħaġa li għandha x'taqsam mal-kariga tiegħu;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi attakka, jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' kull xorta li ma titqies vjolenza pubblika, kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi f'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli ta' qabel l-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali, inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinflwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta''dak is-servizz;
5. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorita' jew ta' wieħed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallijhomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fid-dmirijiet tagħhom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skond il-liġi, jew b'xi mod ieħor li jkun, kemm il-darba din id-disubbidjenza jew dan l-indħil ma kienx jaqa' taħt xi dispozizzjoni oħra tal-kodiċi Kriminali jew ta' liġi oħra;
6. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu fil-pussess jew kontroll tiegħu, jew kellu f'idejh jew fuqu, arma tan-nar jew munizzjon barra minn fond jew post li jagħmel miegħu;
7. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi ġie fil-pussess ta' arma tan-nar jew munizzjon, xort'oħra milli b'liċenzja, u minnufih naqas li jagħti avviż tagħhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, ħalli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon għandhomx jinzammu taħt idejn il-pulizija jew taħt idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviż;
8. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi għad li kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'mod ieħor li mhux

provdut fil-Kodiċi Kriminali offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-deċenza pubblika;
9. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra fil-Kodiċi Kriminali kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
10. talli sar reċidiv b'sentenza tal-21 ta' ottubru, 2002 tal-Qorti tal-Maġistrati liema sentenza hi definittiva u ma tistax tiġi mibdula.
Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' tal-persuni hawn fuq imsemmija jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot il-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiffissa l-istess Qorti.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra li tapplika l-piena skond il-liġi tordna l-konfiska ta' l-oġġetti eżebiti kif ukoll l-iskwalifika milli wieħed ikollu jew jottjeni liċenzja ta' l-armi għall-perjodu ta' mhux anqas minn sena.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' jannar, 2004 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 56 tal-Kapitolu 356 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 49, 50, 91, 95, 96 u 338(bb)(dd)(ee) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 3(1)(1A) u 9 tal-Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali sentenza ma għandiex isseħħ ħlief jekk fi żmien tlett snin mil-lum l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena
tal-priġunerija. Fiċ-ċirkoastanżi mhemmx lok tal-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali. Tordna li l-imputat jiġi skwalifikat milli jottjeni kwalunkwe liċenzja tal-armi għall-perjodu ta' sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------